



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Lussemburgu, 25 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

10026/18

COAFR 159
CFSP/PESC 595
DEVGEN 105
CSDP/PSDC 358
CIVCOM 127
MIGR 89
COHAFA 45
COHOM 86

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Is-Saħel/Mali - Konklużjonijiet tal-Kunsill (25 ta' Ġunju 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuzza l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Saħel/Mali kif adottati fit-3628 laqgħa tal-Kunsill fil-25 ta' Ġunju 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Saħel / Mali

1. Il-Konferenza Internazzjonali ta' Livell Għoli dwar is-Saħel fi Brussell tat-23 ta' Frar 2018 immarkat livell bla preċedent ta' appoġġ mill-komunità internazzjonali għas-Saħel. L-UE thegħgeġ lill-partijiet interessati kollha li wiegħdu kontribuzzjonijiet fil-Konferenza biex jiċċarawhom u jwettqu l-impenji tagħhom malajr. Il-Laqqgħa Ministerjali reċenti bejn l-UE u l-G5 fi Brussell, imlaqqa' mir-Rappreżentant Għoli, enfasizzat l-impenn ġenerali u orjentat lejn ir-riżultati tal-UE mal-G5 tas-Saħel. F'dan il-kuntest, l-UE ttenni l-impenn strateġiku u komprensiv tagħha lejn ir-reġjun tas-Saħel, ibbażat fuq l-Istrateġija tal-UE għas-Saħel u l-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali tagħha.
2. L-UE ser tkompli tappoġġa l-isforzi għall-istabbilizzazzjoni tal-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel bħala bażi għall-iżvilupp tas-Saħel. Dan ser jirrikjedi approċċ ta' stabbilizzazzjoni koerenti tal-istrumenti internazzjonali u nazzjonali kollha, b'enfasi fuq ir-responsabbiltà lokali u t-twettiq ta' approċċ integrat immexxi mill-politika, li jkopri b'mod ugwali s-sigurtà, il-governanza u l-iżvilupp. Din trid tindirizza l-kawżi bażiċi tad-diversi sfidi fir-reġjun u tippromwovi l-iżvilupp inklużiv u sostenibbli tiegħu, kif ukoll governanza inklużiva u effiċjenti li tissodisfa l-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet tal-persuni fit-territorju kollu. L-UE ser tkompli taħdem b'mod konġunt mal-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel u tappella għal koordinazzjoni msaħħa mal-atturi internazzjonali kollha li jaħdmu fir-reġjun biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi. Il-proġetti tal-UE bħal GAR-SI Sahel jistgħu wkoll jagħtu kontribut sinifikanti għal dan il-għan. Barra minn hekk, il-ħidma ta' inizjattivi bħall-Alleanza tas-Saħel, sabiex jitjieb it-twettiq ta' programmi ta' żvilupp, speċjalment fiż-żoni l-aktar vulnerabbli, hija kontribuzzjoni importanti għal dawn l-isforzi.

3. Fi h'dan il-qafas tar-riżoluzzjoni 2391 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU), l-UE tikkonferma l-impenn tagħha li tinvolvi ruħha mal-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel u tappoġġahom fir-rigward tal-operazzjonalizzazzjoni tal-Forza Konġunta tal-G5 tas-Saħel, inkluż permezz tal-Fond għall-Paċi fl-Afrika u ċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni, li jittratta kemm kontribut militari kif ikoll mhux militari inter alia għad-drittijiet tal-bniedem u l-bini ta' fiduċja lokali, u f'kooperazzjoni mill-qrib man-Nazzjonijiet Uniti (NU), l-Unjoni Afrikana (UA) u organizzazzjonijiet subreġjonali u reġjonali rilevanti, speċjalment il-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS). L-UE tappella lill-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel biex jiskjeraw bis-sħiħ il-kontributi ta' truppi u pulizija li fadal sabiex tinkiseb kapacià operattiva sħiħa tal-Forza Konġunta u jitwettqu operazzjonijiet antiterroristiċi. Huwa importanti li jsir progress fl-istabbiliment ta' strutturi xierqa biex il-Forza Konġunta tal-G5 tas-Saħel tiġi inkorporata f'qafas politiku u istituzzjonali usa'. F'dan il-kuntest, l-UE tistenna u tappoġġa bil-qawwa l-operazzjonalizzazzjoni rapida ta' qafas robust ta' konformità sabiex tipprevjeni, tinvestiga, tindirizza u tirrapporta pubblikament ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll ksur tad-Dritt Umanitarju Internazzjonali relatat mal-Forza Konġunta tal-G5 tas-Saħel.
4. Huwa kruċjali wkoll li jiġi żgurat li persuni li jinqabdu matul l-operazzjonijiet u li jkunu ssupettati li kkommettew reati ta' terroriżmu u reati oħrajn jagħtu rendikont u jitressqu b'mod xieraq fis-sistema tal-ġustizzja kriminali. L-UE tissottolinja l-ħtieġa ta' appoġġ għall-ġudikatura nazzjonali kif ukoll il-kooperazzjoni ġudizzjarja reġjonali sabiex ikun possibbli t-trasferiment legali ta' persuni suspettati u ta' evidenza bejn ġurisdizzjonijiet differenti. Barra minn hekk, l-UE tenfasizza l-importanza tal-istabbiliment ta' relazzjonijiet ta' fiduċja u ta' kollaborazzjoni bejn il-Forza Konġunta tal-G5 tas-Saħel u l-komunitajiet li jgħixu fiż-żoni fejn isiru l-operazzjonijiet. Għal dan il-għan huwa kruċjali li jingħata appoġġ lil organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali u atturi oħrajn, bħall-Kummissjonijiet Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem, sabiex tinbena kapacià lokali u fiduċja bejn il-forzi tas-sigurtà u l-popolazzjoni.

L-UE tħeġġeġ lill-Presidenza tal-G5 biex isir segwitu dwar id-dokument ta' eżitu tal-Konferenza ta' Livell Għoli dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u t-Tisħiħ tal-Fiduċja bejn il-Forzi tas-Sigurtà u l-Popolazzjonijiet Lokali fis-Saħel li saret fi Brussell fit-22 ta' Frar, u tinsab lesta li tappoġġa dan il-proċess.

5. L-UE tfakkar fil-kontribut effettiv tal-missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) fis-Saħel (EUCAP Saħel Mali, EUTM Mali u EUCAP Saħel Niger), skont il-mandati ewlenin rispettivi tagħhom fil-pajjiżi ospitanti tagħhom, inkluż bl-appoġġ tal-Forza Konġunta, b'kont meħud tal-komponent tal-pulizija/ġendarmerija tagħha. Għal dan il-għan, l-UE ser timpenja ruħha mal-gvernijiet tal-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel biex tiżgura l-integrazzjoni effettiva tal-persunal imħarreġ mill-missjonijiet tal-PSDK fil-forzi nazzjonali tas-sigurtà rispettivi tagħhom. Flimkien mat-tisħiħ ta' kapaċitajiet nazzjonali permezz tal-azzjonijiet tal-PSDK, l-UE tissottolinja l-importanza tar-reġjonalizzazzjoni tal-PSDK fis-Saħel bil-għan li jissaħħa, kif xieraq, l-appoġġ ċivili u militari għal kooperazzjoni transfruntiera, l-istrutturi ta' kooperazzjoni reġjonali – b'mod partikolari dawk tal-G5 tas-Saħel – u l-kapaċità u s-sjieda tal-pajjiżi tal-G5 biex jindirizzaw l-isfidi ta' sigurtà fir-reġjun. Dan l-approċċ ta' reġjonalizzazzjoni ser iqis ukoll l-isforzi tal-UE, inkluż il-PSDK, biex tiġi stabbilizzata l-Libja.
6. L-UE ttenni l-appoġġ tagħha għall-Missjoni Multidimensjonali Integrata tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Istabbilizzazzjoni fil-Mali (MINUSMA), li topera f'ambjent kumpless ħafna, u thegġegħ għal aktar approfondiment tal-kollaborazzjoni u s-sinerġiji bejn l-atturi u l-missjonijiet differenti fuq il-post. L-UE tfaħħar l-isforzi tan-NU b'appoġġ għall-Forza Konġunta tal-G5 tas-Saħel. Hija tilqa' l-fatt li l-MINUSMA ħadet rwol ta' tmexxija b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Paċi u Rikonċiljazzjoni fil-Mali. Filwaqt li tissottolinja r-responsabilità primarja għall-proċess ta' paċi tal-partijiet firmatarji u l-atturi rilevanti l-oħra kollha tal-Mali fuq il-post, l-UE tilqa' li l-MINUSMA tieħu rwol aktar imsaħħaħ u ffukat f'dan ir-rigward.

7. L-UE hija profondament imħassba dwar il-kobor tal-kriżi tal-ikel u n-nutrizzjoni f'kuntest tal-fraġilità li qiegħda tiżdied, in-nixfa u l-prezzijiet għolja tal-ikel. Tappella lill-Gvernijiet responsabbli biex iħaffu l-forniment ta' assistenza u protezzjoni ta' salvataġġ, b'mod partikolari għar-refuġjati, il-persuni spostati f'pajjiżhom, in-nisa, it-tfal u l-persuni b'diżabilità. Fl-istess ħin, u f'komplementarjetà mal-isforzi tal-Gvernijiet, l-UE ser tkompli tipprovdi appoġġ lil miljuni ta' persuni vulnerabbli affettwati minn konflitti, insigurtà mifruxa, diżastri naturali rikorrenti u l-faqar fir-reġjun, u biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom. Huwa essenzjali li r-rabta bejn it-tibdil fil-klima u s-sigurtà tiġi integrata fid-djalogu ta' politika, il-prevenzjoni tal-konflitti, l-istrateġiji ta' żvilupp u għar-riskju ta' diżastri, kif ukoll biex jiġu żgurati bis-sħiħ ir-rabtiet mal-azzjoni umanitarja f'reġjun affettwat b'mod sinifikanti mit-tibdil fil-klima.
8. Il-ġlieda kontra t-terroriżmu, it-traffikar tad-droga, l-armi u ta' bnedmin huma sfidi komuni li jeħtieġu jiġu indirizzati f'konformità mad-dritt internazzjonali. L-UE tfakkar fis-solidarjetà sħiħa tagħha ma' pajjiżi u popolazzjonijiet li huma regolarment fil-mira ta' organizzazzjonijiet terroristiċi u tikkundanna bil-qawwa l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa minn dawn il-gruppi b'mod partikolari kontra l-popolazzjoni ċivili.
9. L-UE tafferma mill-ġdid ir-rwol essenzjali tan-nisa u l-bniet fiż-żamma tal-paċi, l-iżvilupp u l-prosperità, u tappella lis-sħab tas-Sahel biex jiproteġu u javvanzaw fit-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet u t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem. Dan ifisser li jkunu żgurati opportunitajiet indaqs ta' edukazzjoni u opportunitajiet ekonomiċi għan-nisa u l-bniet, it-titjib tal-aċċess għal servizzi għal kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva, u li jissaħħaħ ir-rwol tagħhom bħala atturi politiċi, inkluż fi proċessi ta' rispons f'każ ta' kriżi.

L-investiment fl-iżvilupp u x-xogħol taż-żgħażaġħ kif ukoll fit-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom fis-Sahel huwa essenzjali sabiex jiġi kkonsolidat il-progress f'termini ta' żvilupp, il-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni. Dawn l-isforzi mmirati lejn il-prevenzjoni tal-konflitti huma pedament tas-sħubija tal-UE mal-pajjiżi tal-G5 tas-Sahel.

Għalhekk, l-indirizzar tal-isfidi demografiċi, inkluż iż-żieda fil-popolazzjoni fis-Sahel ser ikun ċentrali biex ir-reġjun jikseb futur aktar prosperu u sigur.

10. L-UE tikkonferma mill-ġdid l-impenn tagħha li ssaħħa l-involvement tagħha mal-pajjiżi tal-G5 Sahel dwar il-migrazzjoni fir-reġjun f'konformità mal-ħames pilastru tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Belt Valletta, il-Qafas ta' Sħubija, id-Dikjarazzjoni UA-UE ta' Abidjan u l-ħidma tat-Taskforce Tripartitiku UA-UE-NU dwar is-sitwazzjoni tal-migrazzjoni fil-Libja. L-UE tissottolinja l-ħtieġa għal sforzi kollettivi akbar mal-pajjiżi tal-G5 tas-Sahel biex isalvaw il-ħajjiet, jassistu u jiproteġu lill-migranti u lir-refuġjati, jiġġieldu kontra l-kuntrabandu u t-traffikar tal-bnedmin, jiżguraw l-aċċess umanitarju għal popolazzjonijiet vulnerabbli li jinsabu f'żoni ta' konflitt, filwaqt li jipprovdu alternattivi vijabbli għall-migrazzjoni irregolari b'mod partikolari lill-komunitajiet tul ir-rotot prinċipali ta' tranżitu. It-titjib tal-kooperazzjoni fil-qasam tar-ritorn u r-riammissjoni f'konformità mad-dritt u l-istandards internazzjonali huwa kruċjali wkoll. L-UE ttenni d-determinazzjoni tagħha li tappoġġa kooperazzjoni b'bażi wiesgħa bejn il-pajjiżi fis-Sahel u l-Libja fl-insewiment ta' dawn l-oġġettivi u biex jiġu indirizzati l-isfidi transfruntieri relatati, inkluż rigward il-fruntieri tan-Nofsinhar tal-Libja, filwaqt li jittieħed kont tas-sitwazzjoni tas-sigurtà f'dan ir-reġjun.
11. Is-sitwazzjoni fil-Mali tinfluwenza ir-reġjun tas-Sahel u lil hinn minnu. Barra minn hekk, huwa meħtieġ progress konsistenti fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Paċi u Rikonċiljazzjoni fil-Mali. L-UE tappella lill-partijiet firmatarji tal-Ftehim tal-Alġier u lill-partijiet ikkonċernati u r-rappreżentanti kollha tal-popolazzjoni tat-tramuntana tal-Mali biex jimplimentaw b'mod effettiv id-dispożizzjonijiet kollha pendenti tal-Ftehim mingħajr aktar dewmien. Il-parteċipazzjoni sinifikanti tan-nisa, iż-żgħażaġh u s-soċjetà ċivili fil-proċess trid tiżdied. Għal dan il-għan, il-partijiet firmatarji jridu jtejbu l-komunikazzjoni mal-popolazzjoni tal-Mali dwar il-Ftehim ta' Paċi u r-Rikonċiljazzjoni u l-implimentazzjoni tiegħu, kif rakkomandat mill-Osservatur Indipendenti għall-Ftehim fl-ewwel rapport tagħha. L-UE tilqa' l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni 2374(2017) tal-KSNU li tistabbilixxi sistema ta' sanzjonijiet fil-Mali u tfakkar li kwalunkwe parti li tonqos milli timpenja ruħha b'mod kostruttiv fil-proċess ta' paċi għandha tiġi kkunsidrata bħala ostaklu għall-paċi.

12. Il-proċess elettoralu li ġej fil-Mali ser ikollu implikazzjonijiet deġġiema għall-istabbiltà u l-iżvilupp tal-pajjiż u r-reġjun usa'. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li tappoġġa lil Mali f'dan il-proċess u tilqa' d-deċiżjoni tar-Rappreżentant Għoli li tibgħat Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali (MOE) għall-elezzjoni presidenzjali f'Lulju 2018. Huwa biss proċess elettoralu kredibbli u trasparenti, li jirrispetta l-libertajiet fundamentali, li ser jiżgura l-leġittimità neċessarja biex it-tmexxija eletta tindirizza l-isfidi multipli tas-sigurtà, tad-drittijiet tal-bniedem, umanitarji, ta' governanza u ta' żvilupp tal-Mali. L-atturi kollha tal-Mali, u b'mod partikolari il-korpi governattivi rilevanti, iridu jagħmlu l-almu tagħhom biex jiżguraw li l-elezzjonijiet ikunu kredibbli, trasparenti, inklużivi u paċifiċi.
13. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha u tinsab lesta li tkompli takkumpanja lil Mali fl-isforzi tiegħu biex titjieb is-sigurtà u l-iżvilupp tat-tramuntana u taċ-ċentru tal-pajjiż, u sabiex jerġgħu jikseb il-kontroll fuq it-territorju kollu tiegħu. L-UE ser tkompli tappoġġa, f'koordinazzjoni mill-qrib bejn l-atturi kollha tas-sigurtà u l-iżvilupp, inkluż MINUSMA, l-iżvilupp fiċ-ċentru tal-Mali tar-relazzjonijiet u s-sistemi lokali għall-ġestjoni tal-konflitti u għas-salvagwardja tal-fiduċja bejn il-popolazzjoni ċivili u l-awtoritajiet tal-istat, kif ukoll bejn il-komunitajiet, b'rispett sħiħ lejn id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba. It-titjib fir-relazzjonijiet interkomunali jenħtieġ li jiġu appoġġata permezz tal-forniment ta' servizzi u infrastruttura pubbliċi, kif previst fil-pjanijiet nazzjonali appoġġati mill-UE.
-